# Kapijiet tal-iskejjel u l-edukaturi fdati fis-sistema edukattiva tal-Finlandja

It-tieni parti – (l-ewwel parti ta' din il-kitba dehret fil-ħarġa tal-bieraħ)

**Kenneth Vella**



Fil-Finlandja ħafna lezzjonijiet isiru fl-apert u wara kull lezzjoni ta' 40 minuta t-tfal jingħataw pawsa qasira għax jemmnu li għandhom bżonn jiċċaqalqu ħalli jibqgħu konċentrati

Kemm il-kapijiet tal-iskejjel u anki l-għalliema huma fdati, rispettati u kkunsidrati professjonisti mhux biss mill-ġenituri iżda anki mill-awtoritajiet. Il-kapijiet tal-iskejjel kollha għandhom id-dritt li jimpjegaw l-għalliema u l-istaff huma stess.

Fil-Finlandja, flimkien mal-avukati u t-tobba, l-edukaturi huma kkunsidrati fost l-aqwa professjonisti. Fil-fatt, intqal li l-aqwa studenti biss jiġu aċċettati li jidħlu għall-kors tal-Masters fl-Università biex jilħqu għalliema (madwar 10% biss tal-applikanti kollha). Ma jsir l-ebda awditjar mill-awtoritajiet edukattivi fuq ix-xogħol tal-kapijiet tal-iskejjel u l-edukaturi matul is-sena skolastika.

Dan mhux kollox, għax l-għalliema jitħallew ukoll jagħżlu huma stess it-*textbooks* li jridu jużaw fil-klassi. Dan għax l-awtoritajiet jemmnu li ħadd daqs il-kap tal-iskola jew l-għalliema ma jafu liema hu l-aqwa materjal li bih jistgħu jitgħallmu t-tfal li jkollhom fil-klassi. Kull kunsill lokali, bil-kollaborazzjoni mal-kapijiet tal-iskejjel, hu mħeġġeġ jiżviluppa l-kurrikulu tiegħu stess fil-kuntest tal-kurrikulu nazzjonali li ġie adottat sa mis-sena li għaddiet, li hu wieħed li jdur mal-interessi partikolari tat-tfal (*child-centred*) u li hu wkoll ibbażat fuq riċerka xjentifika li saret fil-passat fl-iskejjel Finlandiżi flimkien ma' snin twal ta' diskussjoni u konsultazzjoni mal-għalliema, il-ġenituri u t-tfal, u mingħajr l-indħil dirett tal-politiċi.

Fil-kuntest tat-tmexxija tal-iskejjel, il-Finlandiżi jemmnu li din għandha tkun waħda bbażata fuq il-koperazzjoni u l-involviment ta' kulħadd – kunsilli lokali, kapijiet tal-iskejjel, għalliema, ġenituri u studenti. Il-kapjiiet tal-iskejjel jagħmlu użu minn stili differenti ta' tmexxija. Id-dokumenti uffiċjali jisħqu li l-kapijiet tal-iskejjel iridu jkunu miftuħa u lesti għall-parteċipazzjoni tal-oħrajn, għad-diversità, għall-kunflitti li jistgħu jinqalgħu, għar-riflessjoni u għall-iżbalji tagħhom stess u tal-oħrajn.

Ta' min jinnota li l-kurrikulu l-ġdid jimbotta ħafna l-ħsieb kreattiv, b'ħafna mill-edukaturi Finlandiżi jagħmlu wkoll referenza għat-twemmin tal-Professur Malti Edward De Bono, u jżidu li ħafna mill-ideat ta' De Bono ġew ukoll inklużi fil-kurrikulu u t-tagħlim tagħhom. Dawn il-kummenti ġegħluni naħseb kemm fil-kuntest Malti għandna verament bżonn li nimbuttaw aktar il-ħsibijiet ta' De Bono f'kull livell tal-qasam edukattiv.



It-tfal fil-Finlandja jitħallew jagħmlu użu tat-telefons ċellulari, speċjalment waqt attivitajiet li jsiru barra mill-klassi

## Librerija pubblika

Żjara fil-librerija pubblika ta' Tampere mal-ewwel turik kemm il-Finlandiżi għandhom imħabba kbira għall-qari. Personalment, jiena qatt ma stennejt li matul il-ġimgħa nara madwar mitt persuna fil-kju, siegħa qabel ma tiftaħ il-librerija, biex ikunu minn tal-ewwel biex jirritornaw il-kotba jew jissellfu oħrajn.

Fil-Finlandja, il-libreriji mhumiex biss lok fejn tissellef il-kotba, taqra xi magazin jew tissellef xi CD, iżda huma postijiet li jmorru fihom it-tfal tal-iskejjel fuq bażi regolari waqt żjarat organizzati mal-iskejjel.

Kull librerija torganizza matul is-sena jiem iddedikati għal-librerija. Matulhom, it-tfal jaqraw ktieb lill-*pet* tagħhom; forum dwar il-libreriji, il-festin tal-ktieb, li hu okkażjoni biex l-istaff tal-librerija jintroduċi kotba ġodda; il-librerija *on-the-move*, li hi librerija f'forma ta' karozza tal-linja li ddur minn raħal għal raħal u tagħti ċ-ċans lin-nies jissellfu u jibdlu l-kotba waqt din iż-żjara tal-karozza-librerija fil-pjazza tagħhom. Jiġu organizzati wkoll diskussjonijiet dwar kotba u CDs ġodda, u l-koperazzjoni mal-iskejjel tidher ukoll fil-lezzjonijiet dwar il-*media education* fil-libreriji stess.

## Il-mużewijiet u l-edukazzjoni

Iż-żjarat u l-attivitajiet għat-tfal f'kull mużew f'Tampere huma bla ħlas. Dan għax il-Finlandiżi jemmnu li l-mużewijiet joffru lit-tfal esperjenzi ta' tipi differenti ta' arti. Żorna l-mużew ta' Taidekaari, li joffri lill-iskejjel programm ta' arti u kultura. Il-kunsill lokali jobbliga lill-iskejjel biex kull sena jżuru dan il-mużew u t-tfal ikollhom *workshop* apposta u l-għalliema jingħataw ukoll il-linji-gwida dwar kif jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minn kull sala fil-mużew.

## Konklużjoni

Minn dak li rajna stajna nikkonfermaw li mhux ta' b'xejn li fl-aħħar snin, il-Finlandja mxiet daqstant 'il quddiem fl-edukazzjoni u fir-riżultati li qed tikseb fl-eżamijiet u l-assessjar internazzjonali.

Meta nirrifletti u nqabbel is-sistema edukattiva Finlandiża ma' dik Maltija, nemmen li anki aħna f'pajjiżna qegħdin nagħmlu affarijiet tajbin. Ċerti inizjattivi li qed jittieħdu f'dan il-pajjiż Skandinavu huma diffiċli biex jiddaħħlu f'pajjiżna. Madankollu, oħrajn jistgħu jiġu implimentati jekk ikun hemm fuq kollox bidla fil-mentalità Maltija.

Dawk kollha involuti jridu fost l-oħrajn jaċċettaw li fl-iskejjel Maltin hemm bżonn li jkun hemm bidla fis-sistema tal-assessjar, li s-sillabi nazzjonali jiġu mqassma aħjar b'anqas stress għall-istudenti, li l-eżamijiet mhumiex kollox, u li t-tfal jistgħu xorta jmorru tajjeb fl-istudju anki jekk ma jingħatawx ħafna xogħol għad-dar. Barra dan, hu kruċjali li l-edukaturi jkollhom titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, jingħataw l-*istatus* professjonali li ħaqqhom, jingħataw ir-riżorsi li għandhom bżonn, u jkunu fdati ftit aktar mill-awtoritajiet.

Finalment, nirringrazzja għal darb'oħra lid-diriġenti tal-Learning Scoop ta' Tampere ta' din l-opportunità, lill-Malta Vocational Centre li għenuna fil-loġistika, lill-assistenta tiegħi, Ms Ruth Mansueto, u lis-Sur Omar Vella. Issa jmiss li Marzu li ġej, xi uffiċjali tal-Learning Scoop Finland jerġgħu jżuru pajjiżna u b'kollaborazzjoni mal-iskola tiegħi norganizzaw it-tieni u t-tielet *workshops* nazzjonali dwar l-edukazzjoni Finlandiża. Imbagħad, fis-sajf li ġej, aktar għalliema minn Mater Boni Consilii St Joseph ta' Raħal Ġdid jitilgħu Tampere għal esperjenza oħra simili. Nittamaw li jkunu akkumpanjati minn aktar edukaturi Maltin.

Għalhekk jekk hemm xi edukaturi li jixtiequ jingħaqdu magħna, jistgħu wkoll jagħmlu dan. Għal aktar informazzjoni nħeġġuhom jibagħtulna *email* fuq materbon@gmail.com.

## Rubrika ġdida

**Nixtiequ ninfurmaw lill-qarrejja tagħna li aktar tard dan ix-xahar se nintroduċu rubrika ġdida fil-gazzetta tagħna. Din se tittratta l-edukazzjoni u se tkun ko-ordinata minn Dr Kenneth Vella stess, li minbarra li hu kap ta' skola, huwa wkoll riċerkatur fil-qasam edukattiv u *lecturer part-time* fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. Min ikun jixtieq jagħmel kuntatt miegħu dwar din ir-rubrika, jista' jibgħatlu *email* fuq kenneth_vella@yahoo.co.uk.**